

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-23 ta' April 2012

dwar it-tieni sett ta' miri komuni tas-sikurezza fir-rigward tas-sistema ferrovjarja

(notifikata bid-dokument numru C(2012) 2084)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2012/226/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2004/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 fuq is-sigurtà [is-sikurezza] tal-linji tal-ferrovija tal-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 95/18/KE fuq l-għoti tal-liċenzi tal-impriżi tal-linji tal-ferrovija u d-Direttiva 2001/14/KE dwar l-allokazzjoni ta' kapaċità ta' infrastruttura tal-ferroviji u t-tqegħid ta' piżijiet għall-użu ta' infrastruttura tal-ferroviji u ċertifikazzjoni tas-sigurtà [tas-sikurezza] (id-Direttiva dwar is-Sigurtà [is-Sikurezza] tal-Ferroviji) ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 7(3) tagħha,

Billi:

- (1) Il-Kummissjoni ħarġet mandat lill-Aġenzija Ferrovjarja Ewropea ("l-Aġenzija") skont id-Direttiva 2004/49/KE biex tfassal abbozz ta' miri komuni tas-sigurtà [tas-sikurezza] (common safety targets — "CSTs") u l-abbozz tal-metodi komuni relatati għall-perjodu mill-2011 sal-2015. L-Aġenzija ppreżentat ir-rakkomandazzjoni tagħha dwar it-tieni sett ta' CSTs abbozzati lill-Kummissjoni. Din id-Deċiżjoni hija bbażata fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Aġenzija.
- (2) Skont il-metodoloġija stabbilita bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/460/KE tal-5 ta' Ġunju 2009 dwar l-adozzjoni ta' metodu komuni tas-sigurtà [tas-sikurezza] għall-valutazzjoni tal-ilħiq tal-miri tas-sikurezza, kif imsemmi fl-Artikolu 6 tad-Direttiva 2004/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾, u sabiex tistabbilixxi l-ewwel u t-tieni sett ta' CSTs skont id-Direttiva 2004/49/KE, jeħtieġ li tkun identifikata b'mod kwantitattiv il-prestazzjoni attwali tas-sikurezza tas-sistemi ferrovjarji fl-Istati Membri permezz ta' valuri nazzjonali ta' referenza (national reference values — "NRVs"). Id-Deċiżjoni 2009/460/KE tiddefinixxi NRV bħala kejl ta' referenza li jindika l-livell massimu ttolerat [tollerabbli] għal kategorija ta' riskju ferrovjarju, għall-Istat Membru konċernat. Madankollu, fil-każ li NRV ikun ogħla mis-CST korrispondenti kkalkolat abbażi tal-metodoloġija, il-livell massimu tollerabbli tar-riskju għal Stat Membru huwa s-CSR korrispondenti dderivat mill-NRVs, skont il-metodoloġija stabbilita fit-taqsim 2.2 tal-Anness għad-Deċiżjoni 2009/460/KE.
- (3) Il-valuri għall-ewwel sett ta' CSTs, ikkalkolati abbażi tad-dejta mill-2004 sal-2007, kienu stabbiliti fid-Deċiżjoni

tal-Kummissjoni 2010/409/UE tad-19 ta' Lulju 2010 dwar il-Miri Komuni tas-Sigurtà [tas-Sikurezza] kif imsemmi fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 2004/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾.

- (4) Id-Direttiva 2004/49/KE tistipula t-tieni sett ta' CSTs, li għandhom ikunu bbażati fuq l-esperjenza miksuba mill-ewwel sett ta' miri komuni tas-sigurtà [tas-sikurezza] u l-implimentazzjoni tagħhom. Dan għandu jirrifletti kwalunkwe qasam prijoritarju fejn jeħtieġ li s-sigurtà tittejjeb aktar. Il-valuri għat-tieni sett ta' CSTs ġew ikkalkolati abbażi tad-dejta mill-2004 sal-2009, li kienu mogħtija lill-Eurostat mill-Istati Membri skont ir-Regolament (KE) Nru 91/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar l-istatistika tat-trasport bil-ferrovija ⁽⁴⁾. Dawn kienu ikkalkolati bl-użu tal-metodoloġija stipulata fil-punti 2.1.1 u 2.3.1 tal-Anness għad-Deċiżjoni 2009/460/KE.
- (5) Minn Lulju 2010, meta ġie ppubblikat l-ewwel sett ta' CSTs, ma għaddiex żmien biżżejjed biex tinkiseb l-esperjenza meħtieġa biex jiġu emendati l-kategoriji tar-riskju. Il-kategoriji tar-riskju jibqgħu għalhekk l-istess bħal tal-ewwel sett ta' CSTs. Madankollu, abbażi tal-għadd ta' aċċidenti u ta' fatalitajiet fit-traffiku ferrovjarju, l-ewwel żewġ kategoriji tar-riskju ewlenin huma l-persuni mhux awtorizzati fl-installazzjonijiet ferrovjarji (60 % tal-fatalitajiet) u l-utenti tal-passiġġi invell (29 % tal-fatalitajiet).
- (6) Il-valuri għat-tieni sett ta' CSTs ikopru s-sistema ferrovjarja globali tal-Unjoni. Ma hemmx dejta disponibbli għall-kalkolu ta' CSTs għall-partijiet differenti tas-sistema ferrovjarja kif stabbiliti fil-punt (e) tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2004/49/KE. Dik id-dispożizzjoni tiddefinixxi s-CSTs bħala l-livelli tas-sigurtà [tas-sikurezza] li minn tal-anqas iridu jintlaħqu minn partijiet differenti tas-sistema tal-ferrovija (bħal ma hi s-sistema tal-ferrovija konvenzjonali, is-sistema tal-ferrovija tal-veloċità qawwija, il-mini twal tal-ferrovija jew linji li huma wżati biss għat-trasport) u mis-sistema kollha, espressi bħala kriterji tar-riskju aċċettat. L-iżvilupp ta' CSTs għal daww il-partijiet tas-sistema ferrovjarja bħalissa mhuwiex fattibbli minħabba n-nuqqas ta' dejta armonizzata u affidabbli dwar il-prestazzjoni tas-sikurezza ta' partijiet mis-sistemi ferrovjarji li jitħaddmu bħalissa fl-Istati Membri. Madankollu, huwa xieraq li jiġi adottat it-tieni sett ta' CSTs.
- (7) Għaldaqstant id-Deċiżjoni 2010/409/KE għandha tinbidel b'din id-Deċiżjoni.

⁽¹⁾ ĠU L 164, 30.4.2004, p. 44.

⁽²⁾ ĠU L 150, 13.6.2009, p. 11.

⁽³⁾ ĠU L 189, 22.7.2010, p. 19.

⁽⁴⁾ ĠU L 14, 21.1.2003, p. 1.

- (8) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 27(1) tad-Direttiva 2004/49/KE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Suġġett u definizzjonijiet

Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi t-tieni sett ta' miri komuni tas-sigurtà [tas-sikurezza] għas-sistema ferrovjarja skont id-Direttiva 2004/49/KE u d-Deċiżjoni 2009/460/KE.

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet tad-Direttiva 2004/49/KE, tar-Regolament (KE) Nru 91/2003 u tad-Deċiżjoni 2009/460/KE.

Artikolu 2

Valuri nazzjonali ta' referenza

Il-valuri nazzjonali ta' referenza għall-Istati Membri u għall-kategoriji tar-riskju differenti li jintużaw għall-kalkolu tal-miri komuni tas-sigurtà [tas-sikurezza] huwa stabbilit fil-Parti 1 tal-Anness.

Artikolu 3

Il-miri komuni tas-sigurtà [tas-sikurezza]

Il-valuri, li jkopru s-sistema ferrovjarja globalment, tat-tieni sett ta' miri komuni tas-sigurtà [tas-sikurezza] għall-kategoriji tar-riskju differenti huma stabbiliti fil-Parti 2 tal-Anness.

Artikolu 4

Revoka

Id-Deċiżjoni 2010/409/UE hija rrevokata.

Artikolu 5

Destinatari

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' April 2012.

Għall-Kummissjoni

Siim KALLAS

Vċi President

ANNEX

1. Valuri Nazzjonali ta' Referenza (NRVs)

1.1. NRVs għar-riskji tal-passiġġieri (NRV 1.1 u NRV 1.2)

Stat Membru	NRV 1.1 ($\times 10^{-9}$) (*)	NRV 1.2 ($\times 10^{-9}$) (**)
Il-Belġju (BE)	37,30	0,318
Il-Bulgarija (BG)	170,00	1,65
Ir-Repubblika Ċeka (CZ)	46,50	0,817
Id-Danimarka (DK)	9,04	0,11
Il-Ġermanja (DE)	8,13	0,081
L-Estonja (EE)	78,20	0,665
L-Irlanda (IE)	2,74	0,0276
Il-Greċja (EL)	54,70	0,503
Spanja (ES)	29,20	0,27
Franza (FR)	22,50	0,11
L-Italja (IT)	38,10	0,257
Il-Latvja (LV)	78,20	0,665
Il-Litwanja (LT)	97,20	0,757
Il-Lussemburgu (LU)	23,80	0,176
L-Ungerija (HU)	170,00	1,65
Il-Pajjiżi l-Baxxi (NL)	7,43	0,0889
L-Awstrija (AT)	26,30	0,292
Il-Polonja (PL)	116,10	0,849
il-Portugall (PT)	41,80	0,309
ir-Rumanija (RO)	170,00	1,65
is-Slovenja (SI)	25,30	0,362
is-Slovakkja (SK)	35,80	0,513
il-Finlandja (FI)	9,04	0,11
L-Isvezja (SE)	3,54	0,0329
ir-Renju Unit (UK)	2,73	0,0276

(*) NRV1.1 espress bħala: L-għadd ta' FWSIs ta' passiġġieri fis-sena li jirriżultaw minn aċċidenti sinifikanti/L-għadd ta' km ta' ferrovija tal-passiġġieri fis-sena Kilometri tal-ferroviji tal-passiġġieri hawnhekk tfisser l-unità tat-traffiku marbut mal-ferroviji tal-passiġġieri biss.

(**) NRV1.2 espress bħala: L-għadd ta' FWSIs tal-passiġġieri fis-sena li jirriżultaw minn aċċidenti sinifikanti/L-għadd ta' kilometri tal-passiġġieri fis-sena.

Il-FWSIs f(*) u (**) għandhom it-tifsira kif iddefinita fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/460/KE.

1.2. NRVs għar-riskji tal-impjegati (NRV 2)

Stat Membru	NRV 2 ($\times 10^{-9}$) (*)
Il-Belġju (BE)	24,60
Il-Bulgarija (BG)	21,20
Ir-Repubblika Ċeka (CZ)	16,50

Stat Membru	NRV 2 ($\times 10^{-9}$) (*)
Id-Danimarka (DK)	9,10
Il-Ġermanja (DE)	12,60
L-Estonja (EE)	64,80
L-Irlanda (IE)	5,22
Il-Greċja (EL)	77,90
Spanja (ES)	8,81
Franza (FR)	6,06
L-Italja (IT)	18,90
Il-Latvja (LV)	64,80
Il-Litwanja (LT)	41,00
Il-Lussemburgu (LU)	12,00
L-Ungerija (HU)	9,31
Il-Pajjiżi l-Baxxi (NL)	5,97
L-Awstrija (AT)	20,30
Il-Polonja (PL)	17,20
Il-Portugall (PT)	53,10
Ir-Rumanija (RO)	21,2
Is-Slovenja (SI)	40,90
Is-Slovakkja (SK)	1,36
Il-Finlandja (FI)	9,21
l-Isvezja (SE)	2,86
Ir-Renju Unit (UK)	5,17

(*) NRV 2 espress bħala: L-għadd ta' FWSIs tal-impjegati fis-sena li jirriżultaw minn aċċidenti sinifikanti/L-għadd ta' kilometri tal-ferrovija fis-sena.

Il-FWSIs hawnhekk għandhom it-tifsira kif iddefinita fl-Artikolu 3(d) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/460/KE.

1.3. NRVs għar-riskji għall-utenti tal-passaġġi invell (NRV 3.1 u NRV 3.2)

Stat Membru	NRV 3.1 ($\times 10^{-9}$) (*)	NRV 3.2 (**)
Il-Belġju (BE)	138,0	m.a.
Il-Bulgarija (BG)	341,0	m.a.
Ir-Repubblika Ċeka (CZ)	238,0	m.a.
Id-Danimarka (DK)	65,4	m.a.
Il-Ġermanja (DE)	67,8	m.a.
L-Estonja (EE)	400,0	m.a.
L-Irlanda (IE)	23,6	m.a.
Il-Greċja (EL)	710,0	m.a.
Spanja (ES)	109,0	m.a.

Stat Membru	NRV 3.1 ($\times 10^{-9}$) (*)	NRV 3.2 (**)
Franza (FR)	78,7	m.a.
L-Italja (IT)	42,9	m.a.
Il-Latvja (LV)	239,0	m.a.
Il-Litwanja (LT)	522,0	m.a.
Il-Lussemburgu (LU)	95,9	m.a.
L-Ungerija (HU)	274,0	m.a.
Il-Pajjiżi l-Baxxi (NL)	127,0	m.a.
L-Awstrija (AT)	160,0	m.a.
Il-Polonja (PL)	277,0	m.a.
Il-Portugall (PT)	461,0	m.a.
Ir-Rumanija (RO)	341,0	m.a.
Is-Slovenja (SI)	364,0	m.a.
Is-Slovakkja (SK)	309,0	m.a.
Il-Finlandja (FI)	164,0	m.a.
L-Isvezja (SE)	64,0	m.a.
Ir-Renju Unit (UK)	23,5	m.a.

(*) NRV3.1 espress bħala: L-għadd ta' FWSIs fis-sena għall-utenti tal-intersezzjonijiet fuq l-istess livell li jirriżultaw minn aċċidenti sinifikanti/L-għadd ta' kilometri tal-ferrovija fis-sena.

(**) NRV3.2 espress bħala: L-għadd ta' FWSIs fis-sena tal-utenti tal-intersezzjonijiet fuq l-istess livell li jirriżultaw minn aċċidenti sinifikanti/L-għadd ta' kilometri tal-ferrovija fis-sena $\times$ L-għadd ta' passaġġi invell/kilometri ta' binarji. Id-dejta dwar l-għadd ta' passaġġi invell u l-kilometri ta' binarji ma kelliex affidabbiltà xierqa meta ġiet estratta d-dejta (il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri rrapportaw dejta dwar kilometri ta' linji minflok dwar kilometri ta' binarji).

Il-FWSIs f(*) u (**) għandhom it-tifsira kif iddefinita fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/460/KE.

1.4. NRVs għar-riskji ta' persuni kklassifikati bħala "oħrajn" (NRV 4)

Stat Membru	NRV 4 ($\times 10^{-9}$) (*)
Il-Belġju (BE)	2,86
Il-Bulgarija (BG)	4,51
Ir-Repubblika Ċeka (CZ)	2,41
Id-Danimarka (DK)	14,20
Il-Ġermanja (DE)	3,05
L-Estonja (EE)	11,60
L-Irlanda (IE)	7,00
Il-Greċja (EL)	4,51
Spanja (ES)	5,54
Franza (FR)	7,71
L-Italja (IT)	6,70
Il-Latvja (LV)	11,60
Il-Litwanja (LT)	11,60

Stat Membru	NRV 4 ($\times 10^{-9}$) (*)
Il-Lussemburgu (LU)	5,47
L-Ungerija (HU)	4,51
Il-Pajjiżi l-Baxxi (NL)	4,70
L-Awstrija (AT)	11,10
Il-Polonja (PL)	11,60
Il-Portugall (PT)	5,54
Ir-Rumanija (RO)	4,51
Is-Slovenja (SI)	14,50
Is-Slovakkja (SK)	2,41
Il-Finlandja (FI)	14,20
L-Isvezja (SE)	14,20
Ir-Renju Unit (UK)	7,00

(*) NRV 4 espress bħala: L-għadd ta' FWSIs fis-sena ta' persuni li jaqgħu taħt il-kategorija "oħrajn" li jirriżultaw minn aċċidenti sinifikanti/L-għadd ta' kilometri tal-ferroviji fis-sena.

Il-FWSIs hawnhekk għandhom it-tifsira kif iddefinita fl-Artikolu 3(d) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/460/KE.

1.5. NRVs għar-riskji ta' persuni mhux awtorizzati fl-installazzjonijiet ferrovjarji (NRV 5)

Stat Membru	NRV 5 ($\times 10^{-9}$) (*)
Il-Belġju (BE)	72,6
Il-Bulgarija (BG)	829,0
Ir-Repubblika Ċeka (CZ)	301,0
Id-Danimarka (DK)	116,0
Il-Ġermanja (DE)	113,0
L-Estonja (EE)	1 550,0
L-Irlanda (IE)	85,2
Il-Greċja (EL)	723,0
Spanja (ES)	168,0
Franza (FR)	67,2
L-Italja (IT)	119,0
Il-Latvja (LV)	1 310,0
Il-Litwanja (LT)	2 050,0
Il-Lussemburgu (LU)	79,9
L-Ungerija (HU)	588,0
Il-Pajjiżi l-Baxxi (NL)	15,9
L-Awstrija (AT)	119,0
Il-Polonja (PL)	1 210,0
il-Portugall (PT)	834,0

Stat Membru	NRV 5 ($\times 10^{-9}$) (*)
Ir-Rumanija (RO)	829,0
Is-Slovenja (SI)	236,0
Is-Slovakkja (SK)	779,0
Il-Finlandja (FI)	249,0
L-Isvezja (SE)	94,8
Ir-Renju Unit (UK)	84,5

(*) NRV 5 espress bħala: L-għadd ta' FWSIs fis-sena ta' persuni mhux awtorizzati fl-installazzjonijiet ferrovjarji u li jirriżultaw minn aċċidenti sinifikanti/L-għadd ta' kilometri tal-ferrovija fis-sena.

Il-FWSIs hawnhekk għandhom it-tifsira kif iddefinita fl-Artikolu 3(d) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/460/KE.

1.6. NRVs għar-riskji għas-soċjetà (NRV 6)

Stat Membru	NRV 6 ($\times 10^{-9}$) (*)
Il-Belġju (BE)	275,0
Il-Bulgarija (BG)	1 240,0
Ir-Repubblika Ċeka (CZ)	519,0
Id-Danimarka (DK)	218,0
Il-Ġermanja (DE)	203,0
L-Estonja (EE)	2 110,0
L-Irlanda (IE)	114,0
Il-Greċja (EL)	1 540,0
Spanja (ES)	323,0
Franza (FR)	180,0
L-Italja (IT)	231,0
Il-Latvja (LV)	1 660,0
Il-Litwanja (LT)	2 590,0
Il-Lussemburgu (LU)	210,0
L-Ungerija (HU)	1 020,0
Il-Pajjiżi l-Baxxi (NL)	148,0
L-Awstrija (AT)	329,0
Il-Polonja (PL)	1 590,0
Il-Portugall (PT)	1 360,0
Ir-Rumanija (RO)	1 240,0
Is-Slovenja (SI)	698,0
Is-Slovakkja (SK)	1 130,0
Il-Finlandja (FI)	417,0

Stat Membru	NRV 6 ($\times 10^{-9}$) (*)
L-Isvezja (SE)	169,0
Ir-Renju Unit (UK)	120,0

(*) NRV 6 espress bħala: L-għadd totali ta' FWSIs fis-sena li jirriżulta minn aċċidenti sinifikanti/L-għadd ta' kilometri tal-ferrovija fis-sena.

L-għadd totali ta' FWSIs hawnhekk ifisser it-total tal-FWSIs kollha kkunsidrati fil-kalkolu tal-NRVs l-oħra kollha.

2. Valuri assenjati għat-tieni sett ta' miri komuni tas-sigurtà [tas-sikurezza]

Kategorija tar-Riskju	Valur tal-CST ($\times 10^{-6}$)		Unitajiet tal-kejl
Riskji għall-passiġġieri	CST 1.1	0,17	L-għadd ta' FWSIs tal-passiġġieri fis-sena li jirriżultaw minn aċċidenti sinifikanti/L-għadd ta' kilometri tal-ferrovija tal-passiġġieri fis-sena.
	CST 1.2	0,00165	L-għadd ta' FWSIs tal-passiġġieri fis-sena li jirriżultaw minn aċċidenti sinifikanti/L-għadd ta' kilometri tal-passiġġieri fis-sena
Riskji għall-impjegati	CST 2	0,0779	L-għadd ta' FWSIs tal-impjegati fis-sena li jirriżultaw minn aċċidenti sinifikanti/L-għadd ta' kilometri tal-ferrovija fis-sena
Riskji għall-utenti tal-passaġġi invell	CST 3.1	0,710	L-għadd ta' FWSIs fis-sena għall-utenti tal-intersezzjonijiet fuq l-istess livell u li jirriżultaw minn aċċidenti sinifikanti/L-għadd ta' kilometri tal-ferrovija fis-sena
	CST 3.2	m.a. (*)	L-għadd ta' FWSIs fis-sena għall-utenti tal-intersezzjonijiet fuq l-istess livell li jirriżultaw minn aċċidenti sinifikanti/[L-għadd ta' kilometri tal-ferrovija fis-sena $\times$ L-għadd tal-passaġġi invell]/kilometri ta' binarji]
Riskji għall-“oħrajn”	CST 4	0,0145	L-għadd ta' FWSIs fis-sena ta' persuni li jaqgħu taħt il-kategorija “oħrajn” li jirriżultaw minn aċċidenti sinifikanti/L-għadd ta' kilometri tal-ferroviji fis-sena
Riskji għal persuni mhux awtorizzati fl-installazzjonijiet ferrovjarji	CST 5	2,05	L-għadd ta' FWSIs fis-sena ta' persuni mhux awtorizzati fl-installazzjonijiet ferrovjarji li jirriżultaw minn aċċidenti sinifikanti/L-għadd ta' kilometri tal-ferrovija fis-sena
Ir-riskju għas-soċjeta inġenerali:	CST 6	2,59	L-għadd totali ta' FWSIs fis-sena li jirriżulta minn aċċidenti sinifikanti/L-għadd ta' kilometri tal-ferrovija fis-sena

(*) Id-dejta dwar l-għadd ta' passaġġi invell u l-kilometri ta' binarji, li hija meħtieġa fil-kalkolu ta' dan is-CST, ma kellihiex affidabbiltà xierqa meta ġiet estratta d-dejta (eż., il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri rrapportaw kilometri ta' linji minflok kilometri ta' binarji).